**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' Jannar 2001**

**Avviz Nru: 1095/00**

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Paul Axiaq**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u disghin liri Maltin u hames centezmi (Lm390.05) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-10 ta' Lulju 1999 sal-10 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali bil-konvenut ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u; l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u disghin Liri Maltin u hames centezmi (Lm390.05).

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 t'Awissu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**S.Farrugia**
**Dep/Reg** **Magistrat**